# KALBIENA GHALL BAHAR

U

## CHELMTEJN FUK IL MARONITI

XOGHOL TA ZMIEN ILU

TA

ANNIBALE PRECA

Nru. 3.

MALTA
Stamperia tal GAZZETTA DI MALTA.

1900

(Bis-sensia tal Cnisia)

# NIFTIEHMU

*Kalbiena għall baħar* ctibtha fl'1885, izda ma stampajthiex: dehrilna illum li tista' tidhol fil *Mogħdija taz-zmien*, għax turina x'inhuma ulied Malta u ulied Għaudex. Jena ngħid li turina li huma il Fenici tallum, bħalma il fenici chienu il Maltin ta dari, biss pagani dauc u nsâra daun.

Sibt kalb il carti tiegħi feles jeħor, li ctibtu zmien ilu (*). Dan jitħaddet fuk il Maroniti tallum li huma ucoll nisel il Fenici, jeu ħutna. Għandi tama li takrauh bil kalb, bħalma ctibtu

---

(*) Barra minn dan ix-xogħol li is-Sur Preca ried isemmieh *feles*, biex jigifieri, meta ma icolniex biz-zejjed biex nimleu is-64 facciata li uegħidniecom, incomplu bihom, tana ifilsa oħra fuk chif uieħed jibza għall saħtu, fuk il festa tal Vitoria, fuk ismijet biblici: tana ucoll chetba oħra li aħna ingħozzuhom ferm, u li naħsbu li icunu joġbucom u li icunu ta gid cbir; collox xogħol ta meta chien jiflaħ jaħdem. U la kegħdin nitħaddtu fuk cotba u ifilsa, hua xierak li jen haunhecc stess nitlob lil chittieba maltin li iridu igħinuna li jibgħatu lilna ix-xogħlijet li icunu igħoddu għall din il *Mogħdija taz-Zmien* biex ingibuhom meta icun il uakt tagħhom. Fuk l'ortografia ma għandniex x'ninfixlu xejn, għax ma fiħsibniex nindaħlu fejn ma jesagħniex; cullħadd jicteb chif igħoġbu, basta jiftiehem.

L'euuel ctieb li issa joħroġ hua fuk uieħed Irsir, mictub minn Dun Xand Cortis, u icollu li stampi.

Tas-Sliema, 8 ta Dicembru 1899.

A. M. Galea.

bil kalb jena, għall gîd ta ħuti. Nsellmillchom b'daun il ftit strofi, li gejjin :

—Aħdem, stagħna,—dit-tagħlîma
Hâdha il Malti mal ħalib ;
'Ma S, Paul tah tagħlim jehor
Ta' iscola tas-Salib.

Il Fenic għasfur il baħar
Ibigħ, jixtri, jaħchem l'art :
Bħalu 'l Malti, nisel tiegħu,
Bin gziriet ix-xemx u'd-daul.

Hedma mela u bzulija
Hi il bandiera tal Maltin ;
Izda mbagħad tiddi fukhom,
Imħabbet Gesù l'ħanin.

Minn fejn ix-xemx titla
Safein tgħib ix-xemx,
Ebd'art int ma is-sibli,
Li Malti ma hemmx.

Jecc baħri, jew mogħti
Għax xiri u il beigħ,
Jecc ħobza hu jakla'
Bil hedma ta idejh ;

Hadd lilu ma jagħleb,
Hadd għaib ma jagħmillu :
La ix-xemx ma taħarku,
La ix-xita ma tbillu.

*Viva*, mela, Malta u Għaudex,
*Viva* 'l gzejjer minn ta Paulu,
Illi fukhom il Cbir Alla
Xerred ġmielu, ħnientu u daulu.



# KALBIENA GHALL BAHAR

---

I.

—Merħba bis-sliema, Patist!

—Is-saħħa u il hena, Calanċ!

—Meta gejna?

—Dħalt dal għodu fis-sebħ.

—Mneju gej?

—Minn *Kâla-Franza.*

—Chellec riħ tajjeb: chemm domt gej?

—Uh, li chelli ziffa riħ taklagħni, chiecu dħalna il bieraħ. Imma jalla dejjem hecc!

—Mur ara chemm carti kallibt, eh Patist!

—X'carti, carti! Ankas il Captan ma ħares lejhom—Naf ingħidlec li malli ħrigna minn hemm, ktajna katgħa il barra, chemm deherli, mbagħad dauuart gheddum id-dgħajsa lejn Malta, u għidtilhom: "Jecc iżomm ir-riħ li hu u immorru miegħu, nistgħu norbtu it-tmun, u arana ġol port ta Malta minn haun u tmienia u erbgħin sigħa"—U hekk chien.

—Nemmnec: hua inti għandec min jakilgħec, Patist.

—M'hux għax ingħid: imma is-*San Ġuann* tiegħi, għasfur il baħar. Jecc tieħdu, is-*Santa Maria* tiegħec.

—Fihom ħabta, Patist, ħej—U jigifieri x'gibna, sieħeb?

—Gibna coċċ tilkit.

—Imma?

—Halli nara niftacarx. Méla 120 xcora ciċri, 140 xcora scalora, 70 xcora kamħ, 5 xchejjer kamħirrum, ħafna sufra, u ġlud, u btieti fiergħa, u bittija żejt, bilħakk, u xchertejn suf u balla dkiek.

—U bhejjem xejn?

—Ara! Gibna 21 ħmar... ucoll ħamsa minnhom ħmariet imgħobbija.

—Is-sanghisughi ta Kala-Franza dejjem jitfittxu: m'hux li gibt ħafna!

—Mela jen ma gibtx tliet mastelli?

—Xtraithom mill idejn?

—Hallic mill idejn! Sibt Għarbi ma xatt ix-xmara, lgħabtlu dauc il ftit franchi, u erħilu inizżel sieku fil ħama u itellagħha miżgħuda bil għelkjet.

—Narrah imbierec Patist tagħna! Hadd ma jieħdu! U xi ħaġa bin-nol, xejn?

—Cont insejt: 95 xcora ciċri.

—Nsaksic chelma bis-sensia, Patist, u ngħidielec f'uidintec: xi ħaġa bl'imgħauueġ?......

—Għidli ħaġa, Calanċ: mingħajr xemx jisbaħ? U mingħajr imgħauueġ tista' tgħix?

—Jen dil gimgħa għal Bona.

—Alla jibgħatha taiba. Calanċ.

—Lil cullħadd, xbin.

---

## II.

U min jaf chemm chienu idumu jitħaddtu fuk x'giebet id-dgħajsa u fuk chemm ser jakla cull sehem, li ma chienx għax id-dgħajsa tad-*Deredin* għamlet il kala', u Calanċ chellu imur Għaudex magħha!

Calanċ u Patist huma Għaudxin, nsara, li igħixu fis-sena 1885 uara Cristu, u isiefru bi dgħajjes imsemmijn għal Kaddisin u mżejnin bil bandiera inglisa: imma jecc issemmihom għal ftit *Barmelek* u *Hanun*, u id-dgħajjes is-semmihom *Dagôn* jeu *Melcart* u *Axtoret* jeu *Militta*, u mal arblu torbot ix-xbiha ta Poseidon u tistħajjel li l'1885 huma *kabel* Cristu, ma icollocx ħlief żeuġ Fenici. Il ħila, il bżulïa, il għakal, il ħabta għall beigħ u ix-xiri, u il ħrara tal kligħ (jaħtieġ ingħidha) kuma kauuijn fil Feniciu tal-lum bħal ma chienu kauuijn fil Feniciu ta 2000, 3000 sena ilu: biss, tal-lum għandu il magħmudija mkaddsa li iżżommlu il-lgiem u tmexxiħ għas-seuua.

L'actar iżda li irrid insemmi illum, hia il għira li għandhom għas-safar il Maltin u il Għaudxin: għira li hi magħġuna magħhom, bħala nisel tal Fenici, l'euuel u l'akua baħrin li dehru fuk uiċċ il baħar. Għal issa nibka' haun fil Mediterran, fil gżejjer u ix-xtut ta maduarna. Dauc Patist u Calanċ tax-Xeuchija li smajniehom jitħaddtu fil bidu, huma *Patruni*. Il Patrun dari chien icun Captan tad-dgħaisa tiegħu, daks li id-duca ta Edimburg chien captan tas-*Sultan;* imma minn snin il haun mîn ma jafx jakra u jicteb u ma tgħallimx dac li jinħtieġ,

ma jistax jagħmilha ta captan; — sid id-dgħajsa jaħtieġlu jieħu migħu captan tal-*ligi* (hekk igħidulu) biss biss għall carti, jigifieri biex jidher hu fejn jinħtieġ. Imma il Patrun dejjem patrun; hu jixtri, hu ibigħ, u hu ucoll imexxi id-dgħajsa: l'ieħor jista' jorkod. U haun juru chemm jisueu daun il patruni (il biċċa il cbira Għaudxin, minn-Nadur, minn Għain-Sielem u mix-Xeuchija): icunu f'sichithom, meta icunu isaltnu fuk id-dgħajsa tagħhom. Il baħar, għalihom, hu il ħâra tar-raħal tagħhom, id-dgħajsa hi l'isbaħ dar u is-sema l'isbaħ sakaf: ir-riħ u il meuġ actar ikauuilhom kalbhom.

Carti tan-navigar?—X'carti, carti! chien uiegeb Patist lil Calanċ.

Cronometru? Octan?—Xi cronometru! X'octan! Bin-nhar ix-xemx, bil-leil il cuiecheb, u l'iżjed boxxla. Il Patrun għaudxi idurlec l'artïet ta maduarna b'għajnejh magħluka.

Trid taf chemm chienu jisueu għall baħar il Fenici?—Ara chemm jisueu il Patruni għaudxin, u ma tcun tbegħidt xejn mis-seuua.

III.

—Iva, patruni għaudxin biss?

—Dic żebbuġa kabel l'ichel, hej, biex tkankallek l'aptit. Hua il patrun ma igibx miegħu il baħrin, li jaħtieġ icunu kalbiena daksu? U il captan malti li ibaħħar ma chemm xtut haun, ma jisuiex actar mill patrun, ma jinkalax daks l'akua captani tad-dinja? U il baħrin tagħna li ibaħħru mal erba' rjeħ, u li

illum issibhom fuk vapuri ta cull bandiera, ma iħabbtuhiex ma cull baħrin oħra? Għax jen, côs, l'euuel cont bkajt f'dil għadira tagħna, max-xtut ta Skallija ngħabbi bl'imbit u il ġobon, u max-xtut ta Barbaria u tal Algeria inteftef f'li nsib. U il *fajjermen* maltin, bħalhom tista' issib, imma aħjar minnhom le. Kuddiem in-nar, iva; imma fuk l'ilma—dac collox. In-nies tal faħam iżda, dauc li jatu il faħam lil vapuri, u lə issib aħjar minnhom u ankas bħalhom, jecc iddur id-dinja collha: stkarruh ingliżi li geu haun Malta l'actar biex jarau b'għainejhom chif fi ftit siegħat jistgħu jatu il faħam lil vapur. Chif icunu ngħermdin u għarkanin, għanejhom jibbru, bil koffa fuk għonkhom, jiġru fuk il fallacca u jakbżu, tistħajjilhom...... cont ser ngħid, egħfiered.

—Le, le, m'hux egħfiered; dic bżulia, dic għira taxxogħol. Il Malti, meta ixomm il kligħ tal flus, biex jitna' lil martu u l'uliedu, ma jemminx bi tbatija. Ingħermed iva, iżda għażżien le: it-tnicchir ma hux għal nisel il Fenici. Jecc ma nsibux kliegħ laun, insiefru.

—Insiefru... fukiex?

—Tajba din! Illum haun il vapuri, u jecc m'intix imgħaġġel mur ma bastiment tal klugħ.

—Fejnhom il bastimenti tal klugħ illum? bastimenti maltin, ingħid jen.

—Iva, u jen ingħid bħalec, jaħasra! Iżda kabel ma chien haun l'eluf ta vapuri li haun illum, chien haun bosta bastimenti tal klugħ maltin, b'mijet ta baħrin maltin fukhom, jinsġu mal ibħra collha. U meta ngħid bastimenti maltin, irrid infisser ruħi mibnija [illegible] ari uara l'Isla chien

iħenni b'dac ix-xogħol li cont tara hemm: mijet ta nies jaħdmu fil bini, tal bastimenti. Chellna costrutturi mill aħjar, seuua għall uetka tax-xogħol, seuua għall ħleuua ta tifsil li chienu ifasslu: u għad baka' minnhom ħajjin, għalchemm xogħol ma għadux isir. Naf ingħidilcom li il bastimenti ta Malta, mgħammrin b'baħrin maltin, chienu mfittxin cullimchien.

U dan chien gîd cbir għalina, għax chienu jinkalgħu uisk flus. Il costruttur igib miegħu ktajja' ta mgħallmin, u carpentieri, u ħaddieda, u klafat u mgħallmin tal klugħ u x'naf jen: chif il captan, uara li jirħu il bastiment mn'idejn il cosruttur, irid miegħu dauc il għoxrin ruħ għas-safar.

Dan illum, chif għidna, nkata'; imma il bastinenti barranin li jiġuna haun, jecc icollhom xi xogħol, ikisu li jagħmluh haun, għax jeħilsu b'orħos u aħjar; chif ucoll il baħri malti jitfittex actar minn baħrin oħra, mħabba fil bżulija, il ħila u il ħeġġa.

Ulied il gżejjer; gżira mżejjna bl'isbaħ portijet li ħalak Alla il għażiż l'imbierec; nisel ta nies baħħarin mill akua; x'għageb jecc il Maltin u Għaudxin ħarġu hecc kalbiena għall baħar?

---

## IV.

—Imma il Maltin minn dejjem miġbudin hecc għall baħar u għas-safar?

—Ma jidhirlix li għandec issaksih dan. Jena semmejt in-nisel: u irrid ingiblec xebhien. Għandi siġra tagħmel ir-rummien: din hi mnissla minn oħra

li chienet tagħmel...... x'chienet tagħmel?—Ir-rummien, hux hecc? U omm din chienet tagħmel ir-rummien, u omm ommha ucoll, sachemm naslu fl'euuel sigra li ma chienitx tagħmel u la bajtar u ankas għeneb.

Hecc il Maltin, nisel il Fenici. Issa taf x'żammhom dejjem migbudin lejn il baħar?—Li huma dejjem, tista' tgħid, chellhom x'jaksmu ma nies kauuija fil baħar; u magħhom dejjem għaddeu il kuddiem. U, toħrog għageb! Malta u Għaudex marru l'agħar meta chienu ma nies li għall baħar ma chellhomx ħeġġa. Chiecu chienu iridu iħautlu u ifarfru rixhom l'imseicnin, fi żmien il Grieghi bi-żantini, u fi żmien il Għarab u fi żmien in-Naplitani; imma x'setgħu jagħmlu b'ħilithom, jecc daun il gvernijet ma chenux jakżbu għalihom? Ara imma chemm merħu fuk il baħar, chemm stagħneu, chemm għaddeu il kuddiem fi żmien il Fenici u il Cartaginiżi, fi żmien ir-Rumani, fi żmien is-Slaten, u illum li aħna taħt il bandiera inglisa! U dan għaliex? Għax dauna collha ureu il kauua tagħhom fuk il baħar. "Ma mîn rajtec xebbahtec", igħid il Malti. Jigifieri il Maltin li huma baħħarin min kattushom, inħallic taħseb chemm riħ jieħdu meta isibu min itihom il-lâla.

Minn dan x'għandna nitgħallmu? Li Malta u Għaudex jakblilhom li icunu jagħmlu ma mîn jista' l'actar fuk il baħar. U haun jidher il għakal tannanniet tagħna, li għarfu jagħżlu, disgħin sena ilu, il bandiera inglisa biex taħt id-dell tagħha ulied Malta u Għaudex jistgħu imecch'cu fuk il baħar u jistagħneu. Imbierec, iva, għala dejjem l'isem tal

Iskof Caruana, ta Manueli Vitale, rabti, u ta Censu Borg, carcaris. Nisthajjel li cull min tabilhakk ihobb il daun il gżejjer, ighid bhali, u jixtiek li nibkghu ghal dejjem marbutin mal Gvern inglis, u li nsibuh missier hanin f'dac collu li nisthokku.

Imma k'ed niftacar li jen ma chellix nitla' l'art: ha' narġa' mela ghall bahar.

---

## V.

U immur fi żmenijet bghâd.

Fi żmien il Fenici u fi żmien il Cartaginiżi, mîn chienu, u x'chienu il Maltin u il Ghaudxin ?—Chienu il Fenici u il Cataginiżi in-nfushom. Chif mela, fi ctieb ta ilu semmeit fuk fuk chemm chienu ibahhru daun in-nies, li bosta minnhom chienu ighammru fil gżejjer taghna, jena ma narġax intenni dac li ghidna hemm. Mîn irid igedded it-tifchira jakra fuk *Il Fenici* f'dac il ctieb.

Minn haun nakbeż kabża, u nakbad fi

## VI.

żmien is-Slaten! Żmien li ghal Malta u Ghaudex chien ta gid cbir, ghax fih kamu min-nghas li chienu jinsabu fih.

Lek, ghidt hażin. Dac taghhom ma chienx inghas, ankas irkad, ankas tnicchir: chien ghażż ta mîn chien jahchem fukhom. Halli nfehmchom chif. Sthajjel żiemel, bieżel minnu in-nifsu u jahdem minn kalbu, iżda f'idejn uiehed ghażżien, u bla heġġa u xhih. Ta min hi il htia, jecc iż-żiemel ma jahdimx chemm trid kalbu?—Ta sidu.— Narrac imbierec!

Issa stħajjel li dan iż-żiemel jaka' f'idejn ragel bieżel, għajjur għall bhejjem u għax-xogħol, li m'hux ħlief idellel, u imelles, u iħeggeġ u jagħlef liż-żiemel tiegħu... Xi tgħidli issa, ħabib?—Eh,—issa iż-żiemel ma għadux li chien: inkala' għax-xogħol, jiżżiegħbel, jiżher, uidnejh uiekfa, għainejh nar, u fuk collox imxarrab bil-laħam, għax il maxtura ma hix mitkuba!

Hecc ġralhom il Maltin meta giè l'Ordni. Tridx ingħidielcom mill euuel? Chemm chemm ma 'rridx ingħid li huma katt ma chienu baħrin daks chemm chienu fi żmien is-Slaten! U ma ndumx ma nfissrilcom għaliex.

Għandi nuissi kabel xejn, li meta nsemmi is-*Slaten*, ir-*Religion*, l'*Ordni*, il *Cavalieri ta San Ġuann* ta Gerusalemm, jeu ta Rodi, jeu ta Malta, huma ħaġa uaħda. Nistħajjel li mîn k'ed jakra jaf li l'Ordni ma kagħadx dejjem f'art uaħda: beda f'Gerusalemm u tista tgħid li ntemm f'Malta; għalchemm illum għâdu jinsab f'Ruma.

Mela l'Ordni, ħabta tal 1290, chien f'Tolemaida, jeu bil malti, San Ġuann d'Acri: imma ħabat għalihom u għall Insara collha is-Sultan tal Egittu Halîl el Axráf. L'Insara tilfu, u fis-sena 1291 il Cavalieri chellhom joħorġu minn dic il belt. Is-Sultan tagħhom dic il ħabta chien Guanni de Villers, ragel kalbieni u collu mbiccer bil guerer. Minn hemm marru Cipru, li għalchemm cbira, dejjem gzira mdauura bil baħar. Villers fehimha: ġabar il cbarat tiegħu u kalilhom: "L'aħua, jecc Cipru ma fihiex fejn jimirħu iż-żuiemel tagħna, il baħar fih ilma biżżejjed fejn igħumu ix-xuieni tagħna: jecc

sakajn iż-żuiemel ma jisueulniex, jisuealna il klugħ." Għoġbithom, u l'Ordni li l'euuel chien kauui fl'art, uera il kauua tiegħu fuk il baħar. Hecc baka' f'Rodi, u hecc baka' f'Malta.

Imraħ, imraħ fuk il baħar, ja Salib ta San Ġuann! In-nofs-kamar jonsobloc, iħabbtec; imma ir-rebħ għalic.

---

## VII.

L'Ordni dam f'Rodi xi 213 il sena u dejjem cotor fil kauua, l'actar fuk il baħar. U taf x'chien li għaddieh il kuddiem? L'akua għàdu li chellu, il Misilmin, jeu, chif ingħidu aħna, it-Toroc. Dac iż-żmien, bejn it-Toroc u l'Insara, guerra li ma takta' katt: u actar imbagħad bein l'Ordni u il Misilmín. Ġlied u ħsara lil xulxin cullimchien, maħfra katt: serk, dmija, jasar, u ktil.

Hecc f'Rodi, u hecc f'Malta. Għax il Cavalieri fis-sena 1523 tilfu il Rodi, u seba snin uara geu f'Malta (26 ta Ottubru 1530) li chien tahielhom l'Imperatur Carlu V.

Haun ir-Religion sabet ruħha f'ilma fejn tista' tgħum actar, jigifieri fejn tista' tcattar il kauua tagħha fuk il baħar u fejn tista' tagħmel ħsara icbar lil għàdu chiefer tagħha. U fejn setgħu isibu il Cavalieri portijet bħal tagħna, cbar, imchenn'nin, sbieħ u mdauurrin bi xtut fein tista' tibni l'isbaħ bastimenti? Imma, k'ed ingħid, hua portijet biss? Ma sabux haun l'ekkal baħrin, li magħhom jistgħu juru il ħila tagħhom?

U hecc chien, tabilħakk. L'Ordni bena minnufih tarzni u bacili jeu docchijet, u bdeu isiru ġfien u xuieni; u il Cavalieri tau ruħhom għal *cors* actar minn kabel; u mar-rsiera bdeu jeħdu għall imkadef il *banavolji* mħallsin tajjeb (għal dac iż-żmien) u arahom sicuit icarcru l'haun il *prejjes*. Issa jen għidt l'Ordni; iżda għandcom tifhmu li dakshom ħarġu rgiel il Maltin.

—Hej, Cavalieri, Ordni, Religion,...... saħħa, seba' saħħiet: imma issa gej bix-*xuieni*, bil *cors*, bir-*rsiera*, bil *banavolji*, u bil *prejjes*: daun x'nisel ta ħut huma?

—Ma nlumecx: mela issa nfissirlec: *xîni* dari tfisser *tneini*, jeu chif ingħidu illum *tieni*, jigifieri bi tnejn. Ix-xuieni chienu bħala ġfien li jimxu bl'imkadef, barra mill klugħ; u tauhom dan l'isem għax chien icollhom *żeuġ* ringhieli ta mkadef tual cull genb. Ma haunx dac id-dudu b'ħafna sakajn tual li igħidulu *xini?* Ara dac u ara ix-xini tal baħar. U jecc tridu tarauhom aħjar, itilgħu il palazz u tarauhom pinġuti.

—Mur siefer bix-xuieni illum! Illum vapuri li jimxu bin-nar. Lix-xuieni, min chien imexxihom?

—Semmeitlec l'imkadef: l'imkadef chienu iħaddmuhom ir-rsiera, Toroc; u chienu jaħdmu minchejja fihom. Hemm tajjeb li fukhom chien icun hemm l'*argużin* (bit-taljan Aguzzino) li idokk bis-saut lil min jitnicchar. Barra mir-rsiera, chienu jimbagħtu ucoll fuk ix-xuieni in-nies tal ħabż. Il flien serak.— Hames snin fuk ix-xuieni!—L'imħallfin għadhom jaktgħuha sal-lum: imma il ħati floc li imur jakdef, jagħalkuh il ħabż.

Rrsiera u ħatjin, li chienu imorru *bil fors*; u għa-

dna ngħiduha sal-lum: "Bil fors, il *cors.*" Oħrajn, nies ta bla gieħ, chienu jinchitbu minn jeddhom, bit-taljan di *buona voglia;* u għalhecc il xi uieħed m'aħniex, ingħidulu *banavolja.* Għandna chelm'oħra li ngħiduha mingħair ma naħsbu mnejn hi gejja. Katt ma ġralec li ktajt xagħrec u tiltaka' ma ħabib u igħidlec: Kbadthom il għoxrin scut! Taf x'inhi din? Għax meta uieħed chien imur jicteb ta *banavolja,* dac in-nhar chienu ikarużuh u jatuh għoxrin scut capparra.

Trid taf x'inhu il *cors?* Bit-taljan *corso,* li minnha gejja *corsaro,* jigifieri furban, jeu ħalliel ta fuk il baħar; u dac li Alla jibgħat chien jinsieħ *bona prisa,* jigifieri *serk bil ħakk* u il barca!

---

## VIII.

Din tal cors fiha ftit xi tgħid; u lil Maltin għogbithom. Dari meta Gvern chien icollu x'igħid ma ieħor, jista' jieħu *bona prisa* chemm bastimenti isib tal bandiera tal għàdu: u hecc lil xulxin. Min laħak il guerra tal Crimea, jiftacar fil port ta Marsamxett mimli bil bastimenti russi makbudin mill Ingliżi u mill Franciżi.

Issa billi il guerra bejn il Cavalieri u it-Toroc ma chienet takta katt, it-tnejn chienu ifittxu li jagħmlu ħsara lil xulxin chemm jistgħu. Cull Cavalier chien jaħtieġlu jagħmel il *caruana* tiegħu, jigifieri isiefer max-xuieni tar-Religion, għall cors. Haġa jeu oħra dejjem chienu icarcru l'haun; jecc m'hux ħaġ'oħra, rsiera. Hua, tarġa' u tgħid, ir-rsiera ma chienux

għana? Seuua jinbigħu, seuua jinfdeu, dejjem chienu gîd għal min jakbadhom.

Tigi u tgħidli: Din tal cors, jeu tal caruana, biċċa tal furbani.—Jena ngħid bħalec; imma il-ligijet ta dac iż-żmien hecc chienu. U nannujietna ħasbu, tafx, biex itaffu dil ħsara, biex jifdu minn taħt idejn it-Toroc lil Maltin li jakgħu rsiera tagħhom. Lil għonja chienu jifduhom nieshom, u għal fokra chien hemm ir-renti tal *Monti,* li għalecc chienu igħidulu u għadom *di pietà e redenzione,* jigifieri tal ħniena u il fidua.

Iżda haun jaħtieġ ingħidha, u tibka' beinjetna. Il Maltin, Insara minn żmien San Paul, chienu jafu x'jogħġob u x'ma jogħġob lil Alla; chienu jafu li il furban hu ħalliel, u li Alla fil ħames cmandament igħid: La tisrakx. Imma, għax tgħid, dic id-duda ta furbani li uirtu mill Fenici, ma mietet katt għal col-lox. Furbani ma chienux, imma il gibda bakgħet.

Inħallicom taħsbu mela chif kamet dic id-duda, meta geu il Cavalieri, u għallmuhom, bil għamil u bil cliem, li lit-Toroc *jistgħu* jagħmlulhom ħsara fuk il baħar. Aima hej! It-Toroc chienu îlhom jaħkruhom żmien u issa il Maltin giet dakkithom. X'ma tarax? Cull mîn chellu għaxar scuti, chien jieħu carta minn għand is-Sultan, li biha jista jarma għall *cors* xini jeu scuna, jeu birgantin jeu xambecc, seu seu bħax-xuieni tar-Religion. In-nies tal baħar tħarrget, il ħila żdiedet, il għażżien tħajjar, il cors sar ħobżna ta cull jum, il prejjes dieħlin sicuit u innies stagħneu. Is-Sultan chien jieħu disgħa fil mija mill prejjes, għall Ammiraljat: il carta u il bandiera ta San Ġuann m'hux b'xejn.

Jecc tiftacru, Calanċ u Patist chienu semmeu l'*imgħauueġ*; u minn cliemhom, l'itnejn chielu minnu dal ħobż. In-nies tal baħar igħidu mgħauueġ; aħna ngħidu *cuntrabandu*. Daks chemm għandhom gibda għall contrabandu in-nies tagħna, dakshecc għandhom ħabta; jecc ma jagħmlux xi ħaġa bl'imgħauueġ, ma f'għajnhomx. Imma Skallija illum spiċċatilhom għat-tabacc; u kis li spiċċat ucoll Barbarija, għat-tagħbija taż-żeit u il bhejjem, u għall ħatt ta porvli u xakak. Iżda id-duda tal imgħauueġ bakgħet ħajja, taf; u jecc m'hux il uisk il ftit igħauuġu, tibżax, mkar biċ-ċajt.

U chif ma ngħidx li fi żmien is-Slaten il Maltin ureu l'akua ħila fuk il baħar?

IX.

Mela fis-sena 1603 nakas il kamħ f'Malta u in-nies bdiet tithâseb. Is-Sultan, li chien Alofiu Wignacourt, beda italla' u iniżżel, u katagħha li jati is-salt lil castelli ta Lepanto u Patrazzu, fix-xatt tal Morija. Nkala' Grieg u kal li l'imħażen ta hemm mimlijn bil kmuħ: mela erħilha! Isiefru għaxar xuieni b'xi 2000 ruħ fukhom, il biċċa il cbira maltin, u jaslu hemm b'uiċċ il gid. Mal-lejl jinżlu l'art u mas-sebħ jatu is-salt għall għarrieda: u billi ma chienx hemm min iżommilhom seuua, rebħu. U il kmuħ? Il kmuħ chienu jinsabu f'moħħ il grieg.

Iva xejn iżjed?—Xejn le, ħsara għamlu chemm felħu, nar, tiġrif u serk; imma barra minn dan, carcru lejn ix-xuieni 92 lsir u 76 canun tal bronż. Għad baka': ftit il kuddiem jiltakgħu ma żeuġ bastimenti toroc, imgħobbijin bil kamħ u b'20 canun:

xorbulhom collox bħal tazz'ilma! Uaslu haun f'Malta fis-7 ta Mejju b'dal gid li Alla bagħtilhom, u sar ferħ cbir. Fil Cnisja ta San Ġuann, mal ħitan tal cappella tas-Sagrament Imkaddes, hemm imdendlin xi mfietaħ imsad'da u ma genbhom chitba fuk il fidda. In-nies igħidu li dauc huma l'imfietaħ ta Rodi, u ma igħidux is-seuua: dauc, l'imfietaħ ta Lepanto u ta Patrazzu.

---

X.

Il *gran galjun!* Għad baka' xi xjuħ li isemmuh *Galjun* (bit-taljan *galeone*) hua xini cbir. Mela f'Auuissu tal 1664 ħarġu sitt xuieni mill port ta Malta taħt il cmand tal Cavalir Boisbondron. Niżlu niżla lejn il Lvant, imma ma ltekgħu ma xejn; u chienu u collox gejjin lejn Malta. Meta chienu xi 70 mîl fuk ir-rieħ ta Rodi fit-28 ta Settembru fil għodu jilmħu cumboll bastimenti Toroc u fosthom il *gran galjun* li chien igib 6000 modd. Ix-xuieni ta Malta gibdu għall fukhom, imma it-Toroc ma harbux. Korbu, ix-xuieni tagħna, bdeu in-nar u ħadu xi bastiment torc; imma għainhom chienet għall *gran galjun*, li ma chienx jiddardar, mil ġlied. Tersak l'euuel is-*Santa Maria*, izda uara ftit chellha tuarrab: tokrob il *Vitoria*, u jiġrilha bħalha: jidħol *San Laurenz* u jaklagħha, imma żamm; tilħak il *Captana* u tiftaħ fuk il galjun chemm chella ħluk tan-nar. It-Toroc bdeu jitħauudu. Jerġgħu jersku *Santa Maria* u il *Vitoria*, il kiegħa tistħon, u 400 malti jitilgħou fuk il galjun b'ċarcir cbir ta demm: dan chienu igħidulu rambaċċ! Boisboudron laktitu balla

ta azzarin u uaka' mejjet: it-taktigħa chienet bla ħniena; imma laħku in-nies taż-żeuġ xuieni l'oħra, *San Ġuann* u *San Ġusepp* u għienu il biċċa, u it-takbida saħnet actar u actar. Bejn Maltin u il Cavalieri mietu 120, u dakshecc iħor midruba: lit-Toroc mietulhom 200, u midruba mîn jaf chemm. Uara seba' siegħat għati, l'istandard ta San Ġuann beda ibatti fuk il poppa tal gran galjun. Giebu magħhom mitt gìd u għana; 350 irsir, u 30 mara m'hux ta chif gieb u laħab. Fosthom iżda chien hemm uahda li mil-lbies tagħha chienet tidher li hi ogħna mill oħrajn, u chellha tfajjel tal ħoġor. Dic il mara actarx chienet uaħda min-nisa tas-Sultan ta Costantinopli Ibrahim, u dac it-tifel actarx chien ibnu. Baka' haun, trabba, tgħallem u maż-żmien sar patri ta San Dumincu. Fil cunventi ta San Dumincu, f'Malta, hemm ix-xbiha tiegħu: imma isued ma chienx, bħalma igħidu in-nies.

---

## XI.

Nistgħu ngħidu li hecc għaddeu il Maltin iż-żmien li damet haun ir-Religion. Imma jen cont insejt insemmilcom l'isbaħ biċċa li sabu ruħhom fiha nannuietna bħala baħrin u li fiha ureu ħila li ma bħala. Fis-sena 1570, is-Sultan tat-Toroc ġabar chemm chellu ġfien u xuieni biex jieħu Cipru minn taħt idejn il Veneziani, iżda l'actar biex jati xebgħa lil Insara. L'Insara ma bakgħux lura: is-slaten tal Europa bagħtu ix-xuieni tagħhom, b'collox 216, taħt il cmand ta *Don Ġuann de Austria.* L'Ordni chien bagħat tliet xuieni biss, għax dic il ħabta chien dgħajjef: *Santa Maria tal Vitoria*, (Captana)

*San Ġacbu* u *San Pietru.* Fil bidu ta Ottubru, iltaka' cullħadd f'port ta Ċaflania, u minn hemm semgħu li il flotta torca tinsab fil golf ta Lepanto, u rħeulha. Fis-7 ta Ottubru iż-żeuġ flotti geu uiċċ imb'uiċċ: Don Ġuann isa fuk ix-xini tigħu l'istandard ta Cristu Msallab, u minnufih bdiet it-taktigħa li katt ma dehret bħala. Il Captana maltija ħaduha it-Toroc ma xi xuieni veneziani; iżda ftit damet taħt ideihom. Damu jatu tliet sigħat, u la l'hemm u la l'haun; iżda fl'aħħar it-Toroc birdu u l'Insara ħadulhom ix-xuieni tagħhom. Lil Alì Baxà katlu suldat nisrani, bla ma chien jaf li hu, u minnufih fuk ix-xini tigħu telgħet il bandiera tal Insara. It-Toroc libtu u ir-rebħ chien tal Insara. Mit-Toroc mietu 32,000, u uakgħu lsiera 3,500; lil Insara mietulhom 6,000 u midrubin chellhom 15,000. Ix-xuieni tat-Toroc, bil canuni ta fukhom, bil gid li chien fihom u bir-rsiera, tkassmu bejn l'Insara li chienu ndaħlu f'dic il guerra; lil Malta messeuha żeuġ xuieni. Din hi il battalja ta Lepanto li tant tissemma, u li mħebba fiha saret il festa tar-Rusariu (l'euuel ħadd ta Ottubru) għax l'Insara chienu rebħu bit-talb imkaddes tar-Rusariu; u għaliha ucoll il Papa S. Piu V żied fl'Atanija is-sejħa sabiħa ta *Auxilium Christianorum*, Għainuna tal Insara. Il Maltin chienu uaslu haun fit-tlieta ta dicembru: ferħ sar, iżda bichi chien haun ucoll, għall dauc l'imseicnin li ma geux!

---

## XII.

Nistħajjel mîn igħidli: Iva fi żmien l'Ordni chien collox uard? Le, ma chienx collox uard: is-Slaten,

ucoll, xeħtu taħt sakajhom id-drittijet tagħna: imma ankas chien collox xeuc. Il Maltin, xejn xejn, tħarġu uisk fi żmienhom; u Malta saret minn hemm il haun tisua bosta, jecc m'hux ħaġ'oħra bil bini tal belt Valletta. Il port tagħha hecc sabiħ li sa hemm chien, tista' tgħid, mitluf, chien jitlob belt: u illum il port u il belt ma jagħmlux għajb lil xulxin. Imma il uieħed u l'oħra chien għad jonkoshom uisk, sa 100 sena ilu.

Geu il Francisi, u il Maltin għall euuel marru tajjeb, u bdeu isiefru mal flotta francisa: hecc sejra id-dinja — cullħadd għall fein hu miġbud. Imma Ir-riħ dar, u Alla bagħat haun l'Inglisi. Lil min chienet tixrak Malta, bil belt kauuija bil port sabiħ tagħha, ħlief lil akua nies li haun għall baħar? Chif tfaccarna dic il chitha li hemm fuk il *Main-guard*, fil piazza tal belt, il Maltin ħabbeu l'Inghilterra, u riedu li daun il gżejjer jibkgħu magħha. Il port tagħna illum ma jonsku xejn biex icun *l'euuel* port tal *akua* nies baħrija. Ta *Bighi* u il *Bacil* u l'imhażen ta dic in-naħħa, bneuhom il Maltin; u fitr-Tarżna hemm dejjem mijet ta Maltin jaħdmu; u fuk il flotta Inglisa issib bosta Maltin. Baħar u safar: dejjem hemm.

Iva, imma barra mn'hecc l'Inglisi iżommu il cummerċ. Mal gibda tas-safar, lil Maltin żdeditilhom mela il gibda tal cummerċ: safar u cummerċ uirt tal Fenici, chif il Matin u il Għaudxin huma ucoll nisel tal Fenici. Dan rainieh f'Calanċ u Patist tax-Xeuchija li kbadniehom jithadtu ix-xatt hia u ser titlak id-dgħaisa tad-*Deredin*.

---

# Il Maroniti

*Il Maroniti.*—Il Fenici, (*Finiki*) chienu poplu li għall bzulija tiegħu issemma uisk fl'Istoria. Il Fenicia, min-naħħa ta nofs in-nhar, tmiss mal Palestina u min-naħħa tal punent mal Mediterran: lejn il-lvant għandha il Monti Libanu li actarx hu biċċa minnha; u li fih igħammru il Maroniti, chif sejrin insemmu. Fil Fenicia chienu jinsabu il bliet cbar u għonja ta *Zur* u *Sajda* li aħna nafuhom bl'isem ta *Tiro* u *Sidone*, msemmijin sicuit fl'Iscrittura: u chien fiha ucoll il belt ta *Birôt*, li illum igħidulha *Bejrut.* It-tnejn ta kabel, illum huma mħarbtin u nies, kajla x'fihom. *Żur* tfisser *sur* jeu belt kauuija, Sajda, *sajjeda*, għax belt tas-sajd; u Birôt, bjar, għall bjar cbar li chien fiha, li jixbhu lil ġuiebi li haun f'Malta, in-naħħa ta *Mdeuuiet*, bejn *Bur Żebbuġa;* għax côs daun tagħna ħaffruhom il Fenici.

Sa mill ibgħad zmenijet il Fenici xterrdu u għammru ix-xtut u il gzejjer tal Mediterran, Cipru, Candia, Malta, u oħrajn. Fl'Africa, ħadu ic-Cirenaica, bneu il belt ta Cartaġni u ħadu taħt idejhom ix-xtut tal Algeria; chif fl'Europa nizlu in-naħħa ta Marsilja u fix-xtut ta Spanja li huma chienu igħidulha *Turxix.* Xejn la tistagħgbu, għax il Fenici kishom chienu l'Inglisi ta dac iz-zmien, il baħar tagħhom u il cummerċ f'idejhom. Il-lsien tagħhom chien, tisia' tgħid, ħaġa uaħda mal-lhudi.

Il Maltin kishom nisel il Fenici, mħallat iva ma popli oħra li geu f'Malta urajhom; bħalhom baħrin u bħalhom mogħtijin għall beigħ u ix-xiri, cummerċ. Fenici mela il Maltin bħalma chienu Fe-

nici dauc li chienu bakgħu igħammru fil Fenicia. U daun chienu mill eulenin li daħlu fil ħdan tal Cnisja. Habta tal bidu tal ħames seclu daun sabu ruħhom maħkurin minn xi egħdeuua tal isem ta Cristu, u eluf minnhom, biex ma jitilfux il fidi mkaddsa, mill bliet tal uitja, marru jokogħdu għall collox fil muntanji u il uidien ta fuk ir-riħ li hu il-Libanu. Daun huma ringhiela igbla li mill bogħod tarahom *ibajjdu* bis-silġ li ma jakta' katt minn fukhom: u għalhecc bil-lhudi igħidulhom *Lebanon*, jigifieri il muntanji il bojod. Illum bil għarbi igħidulhom il-*Libnân*.

Nerġgħu issa għal daun il Fenici tal Libnân. Mela il Misilmin sa mill bidu tas-setta misħuta tagħhom, fis-seba seclu riedu jakalbuhom għad-din tal Imħammed: u haun Alla ħaseb għalihom bagħtilhom Sacerdot mis-Siria biex iuettakhom fil fidi u jeħlishom mill Għarab: Dan ġabarhom bħala missier u baka jaħdem għalihom sa meutu. U billi hu chien jismu Ġuann *Marun*, dauc ħadu l'isem ta *Maroniti* li zammeuh sallum, chif bakgħu utieka fil fidi, chif bakgħu ħuthom il Maltin. San Ġuanni Marun hu mela l'appostlu tal Maroniti, u hecc jatuh giħ daun uliedu.

Il Maroniti huma nies mill aħjar; il Misilmin katt ma setgħu jakilbuhom, bħalma katt ma kalbu lilna. Il Papiet dejjem ħadu ħsiebhom, u minn zmien îlu għamlulhom f'Ruma culleġġ għalihom. Leone XIII cabbrilhom dal culleġġ u ziedlu ir-renti. Il cleru tagħhom hu mill aħjar, seuua għall għerf u seuua għat-tieba, ibda mill patriarca u mid-disa' iskfijet tagħhom sal ankas kassis. Huma bejni-

ħom jitchellmu bil għarbi, izda il kuddiesa u l'offiziu jingħadu bis-sirian, chif ħallielhom S. Ġuann Marun. Fil kuddiesa jicconsagrau ħobz azzmu bħal Latini, u mux ħobz mitlugħ bħall grieghi. Illum f'Malta għadna zeuġ Kassisin Maroniti, il uieħed, Dun Antonios Antun, li kiegħed Hall Kormi, u l'ieħor, Dun Jusef Għabbud li kiegħed Hal-Lia. Jena għidt *Dun* biex niftiehmu, izda chien imissni ngħid bħalhom *Mar* jeu *Huri*.

Fuk il Libanu jinsabu xi ftit izjed minn mitt siġra tac-cedru, siġar għaljin u sbieħ uisk, li għandhom bosta mijet ta snin. Meta Salamun bena it-tempju tiegħu, talab lil Hiram, sultan tal Fenici li jibgħatlu għall dat-tempju njam min daun ic-cedri. Din irrazza ta siġar ma jinsabu imchien izjed fid-dinja. L'Iscrittura ixxebbah il Sidtna Maria għall ġmiel u il cobor tagħha, lic-cedru tal Libanu.

Il Maroniti huma collha cattolici. Darba staksejt lil uieħed kassis tagħhom jecc hemmx Maroniti maklubin, u hu uegibni hecc: "Meta tara maronita, għid: Dan cattolicu; meta tara uieħed mux cattolicu, għid: Dan ma hux maronita."

# POESII

TA

# C. CAMILLERI

# FIRDA TA ZEUĠ GHARAJJES

## GHAL DARBTEJN

Zeuġ għarajjes chienu għadom
Chemm iz-zeuġu xi xahrejn;
In-nies bihom tant titgħaxxak
X'ħin joħorġu chienu it-tnejn.

Darba chienu kegħdin jeclu
Nhar ta gimgħa, fir-randan;
Filli quieti u tant cuntenti
Daħħal dembu is-sur Xitan!

Beda ir-ragel biex staksiha
Għoġbujex dauc l'iscorfnjet;
Kabzet kaltlu: Hut uisk tajjeb,
Izda, scusi, dauc triljet!

Haun ir-ragel fakka daħka,
Chien ser jixrak fil buccun:
Sieħba kalla, xi sball għandec,
It-trill, xbint, m'hux hecc icun!

Chemm int chiesaħ, kabzet kaltlu
Ma igħallimni ħatt fil ħut,
Daca trill, u xejn tmerini:
Int illum chemm int sturdut?

Meta xbejba cont f'dar ommi
Conna insajru minnhu spiss;
Taħsibx forsi li it-triljetta
Bdejt niecolha minn haun biss!
Sejra ngħid, m'hux biex niftaħar,
Id-dar t'ommi ħut culjum,
Rizzi, tamar, u gandoffli
~~Gonnna~~ nixtru ~~sal bakkum~~.
Bedha ir-ragel biex jitlagħlu
Jisma cos dal ħmerijet.
Kalla: Sieħba, ir-raġun tiegħec,
Dauca trill, m'humiex scorfnjet!
Fuk dil chelma xelgħet izjed.
Kaltlu: Rajtċ chellix raġun?
Jena naf li dic triljetta
Ma ħsibtnix jen xi muntun?
Kalbi! kabes ~~haun kali~~lha:
Actar minni ~~int~~ tifem sgur!
Għâd ġurnata it-trill nixtrilec
Takbes int tgħid l'hu sallur!
Kamet dlonc minn fuk il mejda,
Bedgħedt tibchi u tgħajjat sħiħ:
Lili ħatt ma daħak bija!
Kabded siggiu, infexxet fiħ.
Oħt! kalilha, fiex usalna?
Issa, xbint, se'r nakbes jen.
Akbad ħuejgec; mur għand omm
M'aħniex izjed għal flimchien!
Minnu fiħ kaleb il mejda,
Hareġ barra bħal disprat;
B'dan il mod saret il firda
Fuk ħmerija, fuk csuħat!

Damu daks tmien xiur mifruda
B'dispiacir minn tal girjen:
Fl'aħħarnett inkalha bniedem
Li reġġaħhom għal flimchien.

Dic l'imħabba minn ta kabel
Gjet mill ġdid fukom it-tnejn;
Għax il firda chienet chiesħa,
Verament firda fuk xejn!

Darba, seu għeluk is-sena,
Kigħdin jeclu tant bil cuiet,
Raġa deffes xitan dembu
B'dan il mot il mara bdiet:

Għidli, ragel, bħallum sena,
Connha infridna minn xulxin;
Xtrajt it-trill, ridt tgħid l'hu scorfon,
Izda tiegħi għaddjet, xbin!

Dac chien scorfon, kalla ir-ragel
Ma tifimx inti fil ħut.
Dac chien trill, kabzet il mara,
Nibka immieri sa ma immut!

Raġa il mejda fl'ajru tajjar
Gibed uaħda chif imiss!
Ha il cappell, kalilha: Mara,
Ibka mieri lilec biss!

Din tifchira tibka in-nisa
Biex ilsienom ma itaulux;
Għaliex nofs il ħtija tagħhom
Li ma zuieġom ma igħammrux.

# CIAFLIS TA NINA U CETTA

## FIC-CENS LI SAR MALTA

---

*C.* Għidli Nìn, giebulec carta?
*N.* Iva Cett, dica għall fejn?
*C.* Dica xbint dakka ta ħarta
Lilna in-nisa, l'irgiel xejn!

*C.* Jen staksejt in-nies, kaluli:
Trid tgħid x'taf u x'int fid-dar
Isbaħ din! sejrin jeħduli
X'għandi f'kalbi, x'chien u x'sar!

*N.* Trid tgħeid jecc hux ħaj missierec,
Dan xi bzonn għandom jafuħ!
Jecc hu mjet, icun imħierec,
Già! li mjet ser igibuħ?

*C.* Jena, Nìn, għamilt caulata
Tlabt jictiba ħia il cbir,
Għedtlu għeid jena ħajjata,
X'jimpurtani, isir li isir.

*N.* Isma, Cett, il biċċa tiegħi;
Għedt li naf nakra bl'inglis,
Ommi dlonc ħadita miegħi,
Kaltli binti, dan ciaflis!

*C.* Jena ħaġa biss dejkitni
Li trid tgħeid chemm għandec snin.
*N.* Lili, Cett, xejn ma fixchitni,
Għaliex ctibt għandi tletin.

*C.* Jommi ruħi x'pastizzata!
Nìn, dil biċċa ma ħsibtiex;
Xbint, għamilta l'insalata
Issa sgur mas-seuuijex!

*N.* X'ħin ctibt hecc min icun jafa?
Hamsin seua għandi Cett.

*C.* Kalbi, ruħi, għamilt ħrafa
Inkas int taf x'dgħaua għidt.

*C.* Hamsin sena għandec, inti,
Ibnec, għeid, chemm għandu, Nìn?

*N.* Ibni Censu, ruħi binti,
Għalak già ħamsa u għoxrìn.

*C.* Haun hi, Nìn, il froġa tigħec
Kis li dan ma tgħamlux spiss.
Meta zeugec tgħarras migħec
Hames snin int chellec biss?

*N.* Puħ għal moħħi, x'cont sturduta
X'għoxrin sena mort nakkast!

*C.* Anzi, Nìn, okgħod paxxiuta
Ktajt it-tara, is-snin nakkast.
Ara tgħali fuk li ġralec
Viziu fukna, x'uaħda din!
Bosta nisa għamlu bħalec
F'dan ic-cens nakksu mis-snin.

---

# IL FATATA
## LI RAT IZ-ZIJA NATA

---

Cont nismagħha tgħeidli ziti,
Metha chellha tletin sena
Chienet tokgħod l'Arcipiergu
F'camra għada chif timbenha.

Darba f'nofs ta lejl tistembaħ,
Tisma għajta tant kauuija
Mal mument xirfet fit-tieka,
Tilmaħ ħmar geuua lembija!

B'cappell f'rasu, collu fiuri:
Floc id-demb chellu kannata;
Santa! kalet, x'icun dana?
Dan bilfors mara fatata!

Ma laħkitċ kalet dil chelma,
Hadet katgħa tant hi cbira,
Dan il ħmar minn nofs inkasam,
Sar suldat minn tal ghesuira!

Minn giò rasu toħroġ mogħza;
Fetaħ ħalku, ħarget vampa,
Fakkgħet zakku, sparat bomba,
Tala fi'ajru b'idhu lampa.

Haun iz-zija għattjet uiċċa,
Kalet, jommi, x'kgħeda nara!
Nifem jen uara dil biċċa
Is-suldat jarġa isir ħmara.

Minn giò il-lampa bedha ħiereġ
Berak, ragħad, u sajjetti;
Is-suldat idub għal collox,
Isir mara bil calzetti!

Minn fuk s'isfel liebsa l'abjad;
Sriep ma duara u ghedmejmuni.
Bedha ħiereġ minn ġo ħalka
Tant sparar bħal tal canuni.

Tualet tant, uaslet sas-sema
Rasha infetħet, saret kamar,
Telket tiġri b'ħilta collha
Floca gjet siġra tat-tamar!

Din is-siġra, chif tgħeid ziti
Saret ras ta meut tant cbira,
Għajtet għajta, kalet... Nata!
Fis mur orkod... Bonasira!!

Ziti haun ma bakgħitė ziti
Tisma 'l meut tgħajjat isimha,
Tant kabditha rogħda cbira
Ma felħitė tmexxi gisimha!

Gibdet ħalfa minn tan-nisa:
Kalet issa xebgħa nati
Lil dauc colla l'imeruni,
Li fid-dinja m'haux Fatati!!!

# SFOG TA GIUVNI

## FUK IL BALLIJET

Issib nies tant ifaħħrulec
Meta imorru f'ballijet:
Xi piacir ħadna igħeidulech
Collox mar seuua u bil cuiet!

Chiecu l'omm chellha nuċċali
U 'l missier lunetta ucoll,
Cullħatt sgur chien igħeid bħali
Illi il ballu l'icbar scoll!

Biex tcun taf x'inhùa ballu,
Hemm bzon tcun mal giuventur,
Staksi il Fredu, Ninu x'kallu:
Inti tibka scantat sgur.

" Jena, xbin, dica sfint magħha
" Dal il valz u ivvendicajt
" Għaliex fuk l'azioni tagħha
" Tliet darbjet xħettha mal ħajt.

" Sfint ma oħra samranija
" Imnehirha clarinett
" Ma nokgħodċ ingħeid minhìa,
" Donna stanga bid-dublett.

" Sfinna polca, tant kabbista,
" Illi nifs ma bakgħaliex;
" Għal apposta ucoll irfista,
" Għal mument fl'art ma xħettjex."

Smajtu xejn dal giuvni x'kallec
Hudu gost missierijet!
Dan m'hu xejn, issa fadallec
Tisma ftit cliem ix-xebbjet.

" Jena sfint valzer mat-tali
" Giuvni chiesaħ, prusuntus,
" Ried bil fors jirraccuntali
" Ma chemm nisa chien għarus.

" Jen il valz nisfnu imdorrija
" Ma min jaf jisfen il valz
" Dan zeffinni kabbesija
" Coll mument jeħu temp falz.

" Giuvni chien barra minn fuku
" Helu daks zocc tal kakoċ
" Narra issib il uied li isuku
" Li mill'ilma ma joħroġ."

Smajtu din ix-xbejba x'kalet?
Itpaxxeu, sur ommijet!
Din il moda daz-zmien saret,
Dan tisimgħu f'ballijet.

Dan li għèdt ħuejjeġ comuni
Hemm x'ingħeid izjed... tibzax!
Uisk familji già fgħemuni,
Ingħeid collox ma nistax.

Chemm hi ħaġa chiesħa u neija
Tmur gustus timpenja mara!
Sar il uakt, taraha gejja:
Dan għal fejn? biex idauuarha.

Tgħeidu li jen kigħed nismaga!
Jena nibda inħobb is-sfin;
Ma il mara issir zugraga,
Ma icun ragel vlontin!

# Il buzzieka ta l'aħħar darba

Nistħajjel tgħeidu chemm jen buzzieka!
Collox imgħauueġ nara floc dritt;
Duru ftit intom, arau hix ħlieka,
Imbagħt għeiduli jecc iniex fitt.

Coll ma għedtilcom fuk il Mall tagħna,
Jecc tarauh intom tgħeidu agħar.
Ma nifimx tgħejdu: lilna jilkgħana,
Allura inciedi, ngħeid jen biss ħmar.

Imxu ftit miegħi, nidħlu t'Argotti
Itchelmu intom; għeidu ftit x'hemm?
Għair ftit zcuc niexfa, daks ħadba xiotti,
Ftit sardin icreħ, lil haun, lil hemm.

Issibu ksari già cundannati,
Għaliex għalkuhom bħal nies f'Curdin.
Biex tmur tarahom jaħtieġlec tbati,
Fuk bejt trid titla donnoc xadin.

Issib għajn cbira, forma kasrija;
Tmur thares lejha, tgħeidlec sigur:
" Jecc għajn semmeuni fil magħmudija
" Bil fors giò fija ftit ilma imur!!

" Għala takkbuni u b'tubi imleuni,
" Biex narmi lilma minn collimchien?
" Għala bla ilma s'issa ħalleuni?
" Bil fors immela il għajn m'hix jen!"

Għajn issib oħra, din bid-Delfini,
Xotta bħal oħta l'issa semmejt.
Quasi tismagħha kgħeda issaksini:
" Jen geu t'Argotti għaliex imbnejt?"

Għal chemm il gelel ma jafx jitħaddet,
Izda il ħakk tiegħu irid cullħatt;
Dil għain sgur tgħeidlec: haunx jen nitħaddet
" Iva xarbuni col nhar ta Hatt! "

" Għala dal isem ta *Ghajn* geu tauni
" Li cont *Imnieħer* chiecu aħjar;
" Għall'inkas forsi contu tarauni
" Inxomm lil bniedem chif giè u chif mar!"

Halluni mela nibka nisfoga,
Fuk col fejn nara li hemm xi sball,
Xtakt cont imħallef liebes it-toga,
Għal meut cont nibgħat l'Argotti u'l Mall.

Għallum bizzejjed għax tatni iddieka;
Demmi già inħossu tala għall fuk.
Għejdu chemm tridu l'jen buzzieka
Darb'oħra miegħi jeħel is-suk.

*(Mictuba zmien ilu).*

---

# IL CURAGGIUS

---

Ragel b'saħtu chien jiftaħar
L'iħabbata ma cullħatt,
Seuua fl'art chemm fuk il baħar;
Fejn hemm ġlied ma baza katt.

Jecc fit-triek icun hemm ġlieda,
Biex iħerak lilu issib;
Fin-nofs jidħol għal għarrieda;
Lil cullħatt il għejra igib.

M'hux minn dauc li 'l ġlied ifitċu
Għax m'hux ragel prusuntus;
Izda biss thares lejn uiċċu
Għandec tgħeid l'hu curaggius!

Fejn hemm ħruk, hua icun leuuel,
Sabiex jitfi fis in-nar
Kalb nirjen tarah ineuuel
Dauc il ħuejjeġ mill'aħjar.

Darba il baħar tifel uaka
Chien pront kabes malli raħ;
Cullħatt fuku scantat baka
X'hin rauh għodos u salvaħ!

Ragel chien li ma haun bħalu,
Jixrak uisk illi infaħħruħ;
Għallhecc aħna cull ma ġralu
F'dan il ctieb ridna ingibuh.

Messu darba chien f'camartu
Kigħed jicteb tant bil cuiet;
Għal chemm għajjat għajta 'l martu
U lil ħutu, zeuġ xebbjet.

" Inzlu... fejncom... xejn l'ad-dumu!
Taħt is-sodda ma nafx x'hau!"
Ara 'l martu u ħutu ikumu,
Resku ħdejħ sabiex jarau.

" Isctu ftit... han-nisma seuua:
X'uaħda din! ħoss ta ġurdien!"
Mar igib is-sejf minn geuua,
Halla it-tliet nisa flimchien.

Martu giebet lasta cbira,
Oħtu kabdet il bastun.
Kakzet kalet oħtu iz-zgħejra:
Jen nixħetlu daz-zarbun!

Nizzihajr!... Ma duar is-sodda
Resku l'erba' ilcoll flimchien,
Cullħatt f'idu lest bil għodda
Sabiex jekred dal ġurdien!

"Ara fejnu!... rajtlu dembu!"
Kal ir-ragel... min jaf x'ra!
Sa frattant ilcoll iggembu
Telgħu l'erba' fuk sufà.

Hemm hu, ħiereġ!—ilcoll għajtu!
Tgħanku l'erba' ma xulxin;
Tas-sejf f'idu kal: Jen rajtu,
Ġurdien aħrax, x'uaħda din!

Chif ilcoll chienu scantati,
Għal chemm jilmhu ħaġa ittir
Dic tal lasta dakka tati
Fuk fellus ftit u xejn cbir.

Taħt is-sodda chien hemm caxxa
B'ħafna carti u envelops
Fellus daħal hemm jitpaxxa
Forsi ħaseb li isib ħobs.

Puh għal saħtu! X'uaħda ġrali!
Kabes kal il curaggius,
Cont bil fehma ma haunx bħali
Chelli nibza minn fellus!!

# DIFETTI TAN-NISA

Jecc f'xi ġlieda icun hemm mara,
Inti minnha trid taf x'ġara,
Takbes tgħeidlec, fereu tnejn;
Okgħod sgur ma icun hemm xejn.

Jecc xi tifel zelak, uaka';
Ma mara oħra din tintaka',
Pronta tgħeidlec f'zeuġ chelmjet;
Chien hemm tifel, uaka' u mjet.

Biex inaksu, biex izidu,
Iċafalsu chemm iridu,
Ma jifimhom sigur ħatt:
Mara ma tirrendi katt!

Seu b'cappell, seuua b'għonnella
Mara il ħila dejjem chellha
Tgħaddi iz-zmien bil giuvintur:
Biha iz-zmien ma tgħaddix sgur!

Jecc f'xi dar icun hemm ġlieda,
Idħol fukom għal għarrieda,
X'ħin spicciau, chif isir schiet,
Inti issib li mara bdiet.

Misħut viziu il mara għanda,
But tar-ragel spiss ticcmanda:
Soldi, fidda, cull ma issib,
Minn giò butu il flus iggib.

Biex tcun taf il mara x'fiha,
Fuk is-snin inti staksiha,
Nisa colla ghiddibin
Għax iħobbu inakksu is-snin!

Jecc icollha tletin sena
Tidher già bedgħedt tintenha,
Takbes tgħeidlec: X'uaħda din
Jen għalakt ħamsa u għoxrin!

Id-difetti chif haun krajtu
Intom sgur b'għajnejcom rajtu:
Oħrajn għandom actar cbar:
Inħalluhom: għax aħjar!

Ma nafx chif sejjer neħlisha
Għax fastidiu ħadu in-nisa.
Għal did-darba in-nisa biss
Għal darb'oħra l'irgiel tmiss!

## DIFETTI TAR-RGIEL

Dakks chemm in-nisa
Difetti għandom,
Xejn inkas minnhom
Hemm fuk ir-rgiel:
Fuk hecc tad-dbielet
Ucoll tal kliezet
Hemm bzonn li ngħaddu
Minn giò l'għarbiel.

Nibdeu minn giuvni
Pulit mill'actar
Fit-taljan tajjeb
Bl'inglis jaf ftit
Rashu izomm dritta
Lil ħatt ma isellem
Man-nies taparsi
Mgħadud pulit.

Fittex fi buietu
Fergħin u xotti.
Billi, x'jimporta,
Basta namrat!
Lin-nisa collha
Tarah igennen
Bi cliemu ħelu
Hafna csuħat.

Educazioni
Fl'iscola tgħallem,
Cmieni tilifha
Mal barranin,
Titchellem miegħu,
Cull tnax il chelma
Sgur sitta minnhom
Bil cliem ħazin!

Nitilku il dana
Nakbzu f'ħatt jeħor
Ragel mizzeuueġ
L'hu cap tad-dar;
Bil-lejl giò daru
Marlec fis-sigħa
Donnu floc martu
Halla xi ħmar!

Uisk drabi 'l mara
Xi flus titolbu
Biex fid-dar tcompli
Xi bzonnijet.
B'uiċċu tost collu,
Jiġbed xi dgħauua,
Inkas biss għandu
Igħeid tliet ħabbjet.

Mar il Casini,
Mar it-Tiatru,
La ħaseb f'mara
Inkas fit-tfal.
Tliet ħabbjet fuku
Kal, inkas għandu
Il flus nefakom
Ta annimal!

Hemm ħuejjeġ oħra
Xi ngħeidu fukom
Mux ir-rgiel colla
Imsejħin nies.
L'educazioni
F'mument inseuha
Cliemhom idardar
Għax collu kzies.

Insomma il mara
Difetti għanda,
Izda tar-ragel
Uisk actar cbar,
Jecc insemmuhom
Cullħadd jistgħageb,
Hemm bzon li nisctu
Tcun ħaġa aħjar!

Seuua l'inglisi
Seuua it-taljani
Seuua il francisi,
Toroc ucoll;
Irgiel u nisa
Difetti għandom
Aħna ucoll magħhom
F'dakxejn ta scoll.

# Uh, x'mument chien!

---

Min chellu igħeidu—Għeidila l'ommi,
Le sen sib ruħi—F'edan l'istat!
Għaddejta ħajti — Dejjem nistudia
Bil fors rieditni — Nsir Avucat.
Cont tant nobgħoda — Dil professioni
Kabel ma ħadta — Aħjar mìt fgat.

Jena minn dejjem — Cont tant imħajjar
Ix-xeuka chelli — L'insir tabib
Chelli ninxteħet — Kalb ħafna duejjak
L'Avucat għandu — Mit elf salib.
Culljum infittex — Il cuiet u 'l paci
Dejjem ma duari — Taħbit insib.

Biex għamilt toga — l'imsejcna t'ommi
Kattgħet għonnella — Mhux tagħha biss;
Giod-dar magħluka — Chella bzonn tokgħod?
Ankas biex toħroġ — Tieħu ftit nifs;
Frattant jen kalbi — Riedet tinkasam
Narani il Korti — b'edac lbies.

Messitni causa — ftit iccancrata
Bdejt tant nirtogħod — ħassni ħazin;
Nara l'imħallef — jitbissem jidħak
Forsi għax rani — bil berrittin!
Curaġġ, għedt f'kalbi — Din leuuel uaħda
Forsi nirbaħħa — f'gieħ Sant'Antnin.

Ix-xiorti chelli — li il causa irbaħta:
Bravu rebaħħa! — kal il client;
Meta ħriġt barra — Cullħatt għannakni
Jen bdejt nintefaħ — dac il mument.
Għedt issa irħili — Fit-tieni causa
Nokgħod all'erta — Actar attent.

Fuk leuuel causa — Irbaħt tliet oħra;
Bejn l'avucati — Gibt għejra u ġlied
Bedgħu ir-rigali — Narahom gejja
Minn hecc chif jisbaħ — Sa ta l'imuied.
Dejjem naccetta — Katt ma nirrofta,
Daun ir-rigali — Culljum tizdied.

Miexi fit-torok — Nies iselmuli
Bil fors icolli — Inneħħi il cappell
Ommi tintefaħ — X'ħin igħeidula
Tal avucati — Jen sirt mudell.
Domt sejjer ħafna — Causi fil bnazzi
Flaħħar giet causa — Chelli nibtell.

Naccetta causa — Bosta struppiata,
Tlifta bl'ispejjes — Dlonc ippillait.
Il client kalli:—Af nitilfuha;
Jen tal cliem tieghu — Xejn cont ma tajt,
Mill'appell tlifta — Ucoll bl'ispejjes
Mil client tiegħi — Chemm tgħajjr smajt!

Uara dil causa — Intlift għall collox
Ma stajtx insofri — B'ilsien in-nies.
Ta ħmar għaddeuni — L'istess clienti.
Maktul sibt ruħi — Minn għair imujies
Ma ridċ naf izjed — B'isem ta Korti
Sa bdejt nistcherrgħu — Edac lbies.

Mela għax darba — Nitliflec causa
L'oħrajn li irbaħtom — Dauc ma igħoddux ?
Min jaf chemm causi — Ma tul ix-xahar
Isiru il Korti — U ma jirtebħux !
Narra sajjetta — Tfakka fil Korti
Biex avucati — Sgur ma isirux.

Din it-tifchira — Inħalli l'ommi
U l'avucati — Il coll flimchien :
In-nies li tgħalli — In-nies li iġġarraf !
Tibkgħu tiftacru — Xi ġrali jen,
Min bravu, għakli — Fi ħmar uassluni
Jen mort smajt mn'ommi—Uh x'mument chien !!

## Papà, ixtrili Cappellin !

Ismaħħa x'kaltlec is-sinjurina !
Mur, oħroġ, isa, la titlifx zmien.
Cappell ixtrila. Binti mischina !
Hi ma tafx tgħazel, trid ngħazel jen.

Arani l'agħda bil kajla il kajla,
Tlakt biex nixtrila dal cappellin ;
Nieħu pacenzia għax għàda tfajla ;
Belgħa, fdat bija, għamlet ħazin !

Biex incun mokdi, mort għand modista ;
Għedtilha tini ngħazel cappell.
Haun, sinjur, kaltli ; kalleb chemm tista ;
Bdejt biex infittex l'isbaħ mudell.

Kbatt uiehed f'idi, donnu kassata,
B'zeuġ ġuienaħ bojjod donnhom par krun;
Indur għall'iehor, forma kannata.
Fiħ ponta tujla, donnha zarbun.

Chien hemma bosta b'għasfur jittajjar,
B'ħaxix ma duaru, kalb il lellux;
Jen cont għal dan già ser nitħajjar,
Bzajt illi binti sgur ma tridux.

Iehor tat-tiben jigi f'idejja,
Forma paletta ta tljet tixbar;
Nara il modista resket għal ħdejja
Kaltli dac ħudu, għax mill'aħjar.

Għedtila, għejdli l'cpiepel colla
Ta' din is-sena moda sigur?
Kaltli dal għodu nisa bil folla
Il coll minn dauna ħadu, sinjur!

Cappell tat-tiben donnu tal vavi,
Nakbad f'idejja, għedt dan x'icun?
Fiħ sagarella leun il pitravi,
Marbuta għokda donna flixcun!

Nakbadlec iehor, fiħ nofs ukija:
Missericordia! dana x'icun?
Forma ta scufia tal mgħamudija
Dic l'insejħula scufia cappun!

Cont sejjer nigbed x'erbgħa minn tiegħi,
Rajt il modista, fommi zammejt:
Tarani inkalleb, bakgħidt għal miegħi,
Jen xbajt għal collox, tlakt u ħallejt.

Ieħor giè fidi, tiben seudieni;
Għedt nieħu dana, dan sgur irħis.
Mhux ta ftit izda l'indunajt cmieni
Cappell chien donnu minn ta kassis.

Jena niftacar li dari il moda
Chienet zeuġ cpiepel, jeu tlieta biss.
Daz-zmien,'ħroġ għageb! chemm saret soda!
Għalec il cpiepel jimbidlu spiss!!

Kigħed niftacar illi iddar tiegħi
Cappell jen għandi tal felt sabiħ;
Daluakt immurlec u nieħdu miegħi
Għand il modista biex isseuuiħ.

Erba' pepprini, ħaxix ma duarhom,
Xi ftit cirasa, ħafna sbuljet,
Ngħeidila, binti, daun massibx bħalhom
Daun l'aħħar moda, da xahar gjet.

Bil cappell tiegħi, t'erba' xellini
Ifformajt moda minn ta daz-zmien.
In-nisa colla raġun tatini,
Għax tgaudi binti u 'ngaudi jen.

---

# Mujelda ghamja!

Nisma in-nies tgħeid x'fatta sebaħ;
Haġa din chemm x'takta ħdejja,
Halli immissa cont b'idejja
Sabiex sebaħ naf x'inhu!

Kalu ix-xemx titla fil għodu,
Hi trid tcun biex jisbaħ cmieni;
Daun ghalija colla pujeni:
Għeidu ftit di ix-xemx xi tcun?

In-nies tgħeid il haun il baħar
Fieħ il ħut minn cull culuri;
Daun għalija cbar duluri:
Baħar, tgħeid, min jaf x'icun!

Meta nisma in-nies issemmi,
Aħmar, isued, blu, ħadrani,
Haun inħoss kalbi tuġagħni
Ngħeid min jaf daun humiex nies!

Hafna tfal jokogħdu ħdejja
Iriduni nilgħab magħhom,
Piacir nieħu x'hin nismagħhom,
U narahom ma nistax.

Jen tuelidt nisma tgħeid ommi
B'zeuġ għainejn it-tnein magħluka:
Binti tgħeidli int gejt maħluka
Biex id-dinja ma tarax.

X'inhi dinja ? dlonc staksejta ;
Kaltli biex infissirielec
Hemm bzonn kabel nurijelec :
Zmien mitluf... ma tarajex !

Oh chemm jena svinturata,
In-nies jistgħu iharsu lejja,
Sa frattant għandi għainejja
Jena lilhom ma narax !

Ommi spiss teħodni il cnisja,
Darba chif giò fiha conna.
Kaltli binti haun Madonna
Kegħda tħaddan lil Bambin.

Ma ! chemm xtakt chiecu naraha
Cont ingiba tokgħod ħdejja,
Dic tfejakli sgur għainejja
Ommi kalbi, xi piacir !

Fuk dil chelma kabzet ommi,
Kaltli binti zomm dil ħrara ;
Inti lilha sgur għad tara
Xhin mid-dinja teun infridt.

Dac li katt ma rajt haun isfel,
Int hemm fuk teun tarah seuua :
Hemm sgur tara il ġmiel u ħleuua,
Tpatti dac l'haun ma rajt katt.

## IL BUZZIEKA TAS-SAPUN

Tfajjel zgħir lemaħ lil sħabu
Chellhom f'idom tazza zgħira;
Kallom: Biex intom tilgħabu?
Dan it-tfajjel gietu għira!

Resak ħdejhom sabiex jara,
Forsi ucoll biex jilgħab magħhom;
Gietu xeuka, gietu ħrara
Li icun jaf x'logħob hu tagħhom.

Fil mument sħabu uarbulu
Sabiex jara it-tazza seuua:
Attent issa, ilcoll kalulu,
Għaliex tara minn hemm geuua.

Bis-sapun ftit ilma miegħu,
Toħroġ balla tant sabiħa.
U is-sapun bil forza tiegħu
Itellagħha fl'ajru sħiħa!

Uiċċ it-tfajjel sar bħal krolla
Hecc chif sama' din il biċċa;
Ried jaraha il-logħba collha
Minn chif tibda sa tispiċċa.

Bil cannol ta kasba irkieka,
Jaraħ l'ilma iħauuad seuua:
Kàl, din għanda tcun xi ħlieka
Balla toħroġ minn hemm geuua!!

Nefaħ kajla, dlonc tiffaċċa
    Haġa tonda donna balla;
    Hamra, safra, blù, pistaċċa,
    F'chelma uaħda, leun kausalla.

Chif lil kasba ftit ċaklaka,
    Dic il balla inkalgħet f'dakka,
    It-tfal tiġri biex tilħaka;
    Cullħatt idu bedha ifakka.

Kâl it-tfajjel: Atuhieli,
    Halli immur nuriha 'l ħija!
    Tmissuhiex, din erfgħuhieli
    Hall' noħoda chif in hija...

B'idu fl'ajru igħajjat: Gejja!
    Fl'aħħar nizlet u laħaka'.
    Haun hi kâl, issa f'idejja!
    Malli messa ftit, tinfaka.

Beda ifittex għadiex sħiħa,
    Kâl fejn hi?... Dana x'icun?
    Floc il balla tant sabiħa!
    F'idu sàb ilma u sapun!

*Hecc il bniedem spiss jiġrilu*
    *X'hin għar-regħba dan itieħ*
    *Dac li jaħseb ifallilu*
    *Floc sustanza jakbad rieħ!!*

# MAR MA SHABU!

Fost chemm nies tinsab f'id-dinja
Massib ħatt veru cuntent;
Jista icun għani bil bosta,
Dejjem għandu xi turment.

Chien hemm cap minn ta familja
Tifel chellu paxxut bieħ,
F'mument uiħed iggenninlu
Rasu marret għall mar-rieħ.

Il missier chien tant iħobbu
Ried izommu miegħu id-dar;
Gieblu zeuġ irgiel għal miegħu
Jittendulu mill aħjar.

Chien hemm xabla f'ħajt imdendla
Pront lemaħħa dal miġnun,
Sejjaħ uieħed mis-sefturi
Kallu: Għejd, jistax icun

Illi nieħu din ix-xabla
Biha nakta ras seftur?
Min-nies collha nigi infaħħar
Ma cullħatt noħroġ bl'unur!

Is-seftur jisma dil biċċa;
X'uaħda din kâl x'inhù gej!
Sinjur kallu bl'unur toħroġ
Jecc floc ras int takta tnej!

Halli immur ingħeid lil sieħbi
    Rasna inkegħdu ħdejn xulxìn,
    Takta rasi ma ras sieħbi
    Tnej min-nies tara mejtin.

Bravu, bravu! il miġnun kallu,
    Mur għal sieħbec... nistennieh,
    Is-seftur mar sab cappellu
    Hareġ jiġri daks ir-rieh!

Tala ħdejh is-seftur l'ieħor,
    Ma chien jaf xejn b'dac li sar.
    Il miġnun lis-seftur staksa,
    Kallu għeid, sieħbec fejn mar?

Ftehimt miegħu li b'di-xxabla
    Nakta zeuġ irjus flimchien;
    Is-seftur hau gieħ il għakal
    Kallu ħalli infiehmec jen.

Sieħbi mar biex jaħsel uiċċu:
    Din għedtielec biex tcun taf,
    Già li ser taktgħilna rasna
    Chiecu irridu immutu indaf;

Istennjena mument ieħor
    Hu pacenzia ftit sinjur;
    Għaliex jen id-dinja l'oħra
    B'cappell f'rasi irrid immur.

Nizel jiġri daks sajjetta,
    Il bieb fetah, barra mar;
    Nizucħajr kâl li scappajta
    Niscartah ma stajtċ aħjar.

Sa frattant il miġnun baka
    Jistennihom jiġu it-tnej;
Fil mument jigi missieru
    Jarah b'xabla: Kallu, hau x'gej?

Jena dħalt Cavalleria,
    Ibnu pront ir-rispondieħ;
Nakta rjus ta zeuġ sefturi
    Icun colp l'actar sabieħ!!

Il missier kabditu ir-rogħda,
    Ried jitchellem ma satax:
Ibni kallu dic ix-xabla
    Colla imsadda ma taktax.

Halli ingiblec oħra tajba,
    Mhux ta ftit ippersuadieħ,
Il miġnun telak ix-xabla
    Mar imtedd, kagħad jistrieħ.

Zeuġ sefturi għakal gihom,
    Magħhom compla sa is-sinjur;
Povru giuvni uara gimgħa
    Għal ma sħabu chellu imur.

# Kara ahmar floc zagħfran!

Tifel chellu għaxar snin,
    Chien imrobbi tant ħazin,
Mat-triekat jiggiera spiss
    Moħħu chien fil-logħob biss;
Cull ma chienet tgħidlu l'omm
    F'moħħu katt ma chien izomm,
Dac li tfiehmu tant bic-car
    Bil maklub jagħmlu ta ħmar!
Darba chella bzonn zagħfran,
    Tatu sold, kaltlu hu dan,
Mur is-suk, fehmitu fejn,
    Biex ma iħabbat rasu xejn;
Zagħfran kaltlu x'leun icun:
    Ifem seu kaltlu: Muntun!
Kies li tigi minnufih,
    Biex tcun taf, għandi xnambih!
Haun it-tifel fil mument,
    Telak jiġri tant cuntent.
Ma laħakx għadda nofs triek,
    Sab kuddiemu dac li xtiek;
Zeuġ titfal mixħutin fl'art
    Jilgħalubec zeuġ u fart!
Baka ħdejhom tant sturdut
    Għarcubtejħ, b'idejh fil but;
Kagħad magħhom sigħa sgur
    Nesa is-suk fejn chellu imur.
Meta xaba minn chif chien
    Kâl: Bilħakk, ara, cos jen.

Fuk dal-logħob chif iħsejt!
X'uaħda din, jen għall fejn gejt?
Ommi tatni sold... għaliex?
Kaltli chelma ma fimtiex:
Haġa ħamra u safra ftit,
Beda idur mas-suk sicuit.
Flaħħar jara ragel xieħ
Il kara aħmar chien ibieħ;
Dan it-tifel resak ħdejh
Kallu ha: taħ sold f'idejh.
Tini biċċa kallu, xbin,
Għaliex ommi sgur min din
Kaltli nixtri! Haun ix-xieħ
Felli daks minġul jatieħ.
Dlonc it-tifel, telak, tar
B'felli ħdu għall ġod-dar.
Biex icompli, ix-xitan,
Daun fid-dar chellom dundian,
Il kara aħmar hecc chif rà,
Fuk it-tfel is-salt tà.
Uakkgħu fl'art, b'moħħu ferut,
Haun it-tifel kal: Ajjut!!
Nizlet l'omm, kabadha il bart
Tara 'l binha u l'kara fl'art;
Kaltlu għeidli, x'gibt, x'għamilt?
Ma, kalilha, għax tħixchilt!
Ara hux seuua, gibtlec dan:
Dac *Kara ahmar mux zagħfran!*

# RIED JICRIEH ! !

Chien tant bi cuietu Nutar fl'offiziu
Kigħed jifforma certu cuntratt,
Minn dejjem f'ħajtu chellu dal viziu,
Uakt l'icun jicteb ma irid lil ħatt.

Jidħollu ragel, kallu xbin saħħa,
Gejt biex taktagħli ftit cursità.
Niextiek minn għandech jen bis nismagħha,
Għeidli, nitolboc, il verità.

Dan ta bi drittec in-nies kaluli,
Mizzanin ilu ħafna battal;
X'uħud minn ħbiebi tant makdruuli
Kalu fieh mjetu xi tliet itfal!

In-Nutar kabes, kallu scusani,
Milli staksejtni għad ma naf xejn:
Jen hau lil kegħda bħal ma tarani,
Ilhi ma noħroġ quasi xahrejn.

Raġa da ragel staksieħ, almenu
Taf tgħeidli scuna min hua is-sid?
In-Nutar kabes kallu: Carmenu
Ibiħ il chirxa ir-Raħal il Ġdid.

Chemm hua chera chiecu naf xtaktni,
U jecc għall inkas għandux il bir.
In-Nutar kallu: Tafx li dejjaktni,
Tridċ mela jecc jogħġboc naktgħu kasir.

Telliftni quarta sabiex tcun tafa,
Jen m'hiniex kighed ghal dan ic-ciajt;
Cull ma ghedt s'issa, donnoc ghedt hrara
Tistaksix izjed, cun af li xbajt!

Nistaksic haġa, għeidieli ċara
Kabes haun kallu l'istess Nutar,
Għax li staksejtni scont milli nara
Hemm bzonn tfehimni xi ftit aħjar!

Ir-ragel kabes kallu għax jena
Ma spiegajtċ ruħi seu minnufieħ.
Hu ftit pacenzia, icolloc ħniena.
Għax la trid tafa: irrid *nicrieħ!*

In-Nutar f'dakka neħħa in-nuċċali,
Tala fuk siġġu li chellu cbir,
Kallu issa fimtec: itcherraħ bħali
Mill actar coroħ int sgur issir.

Ir-ragel kallu ma fimtnix seuua,
Mhux biex nitcherraħ għedtlec *nicrieh;*
In-Nutar telak u daħal geuua
L'ir-ragel uaħdu barra ħallieħ.

# INDICI

## LEUUEL TAKSIMA

Niftiehmu ... ... ... ... ... Pag. 3
Kalbiena għall Baħar ... ... ... ,, 5
Il Maroniti... ... ... ... ... ,, 23

## IT-TIENI TAKSIMA

—Poesii ta C. Camilleri ... ... ... ,, 27
Firda ta zeuġ għarajjes ... ... ... ,, 29
Ciaflis ta Nina u Cetta ... ... ... ,, 32
Il Fatata li rat iz-zia Nata ... ... ,, 34
Sfog ta giuvni fuk il ballijet ... ... ,, 36
Il Buzzieka ta laħħar darba ... ... ,, 38
Il Curaggius ... ... ... ... ,, 39
Difetti tan-nisa ... ... ... ... ,, 42
Difetti tar-rgiel ... ... ... ... ,, 43
Uh, x'mument chien ! ... ... ... ,, 45
Papà, ixtrili cappellin ! ... ... ... ,, 47
Mujelda għamja ! ... ... ... ... ,, 50
Il Buzzieka tas-sapun ... ... ... ,, 52
Mar ma sħaba ! ... ... ... ... ,, 54
Kara aħmar floc zagħfran ! ... ... ,, 57
Ried Jicrieħ ! ! ... ... ... ... ,, 59

# AVVISI

## MOGHDIJA TAZ-ZMIEN

*(Sold u nofs il ctieb)*

Hargu sa issa, barra minn dana il ctieb, zeuġ cotba oħra:

No. 1. Dic Xorti!

,, 2. Il Hâtem tal Ġauhar u Poesii ta C. Camilleri.

---

Il cotba tal *Mogħdija taz-zmien* jinsabu għall beiħ għand Gianni Muscat, (*kuddiem il Posta il Kadima*) il Belt—Din li Stamperia tal Malta, 16, Str. Zecca, il Belt—chif ucoll għand A. A. Farrugia, 94, Strada S. Giovanni, il Belt, u Oneratu Debono, 61, Strada Teatro, il Belt, u għand oħrajn Għaudex u fi Bljet u f'Rħula oħra ta Malta, chif għidnielcom f'cotba oħra.

Tunes—Għand is-sur Paul Pisani, 49, Rue Souk-El-Belat—li għoġbu joffri ruħu għall beiħ ta daun il cotba fit-Tunisia.

---

Min irid jakra xi ġurnali religiusi bil malti, jinchiteb fil:

Bon Pastur—*Kari ta cull xahar.* Min irid jassocia, u min irid jaf xi ħaġa fuku, jirricorri jeu għand l'istampatur Uenzu Busuttil, Strada Forni, No. 34, il Belt; jeu għand id-Direttur, Dun G. Pace Spadaro, Haz-Zabbar.

In-Nisrani—Joħrog̊ cull uħar ta Sibt; mictub minn Patri G. Cauchi M.C. Imbiħ *sold innumru* fli stamperia " Victoria ", strada Cristoforu, N. 11, il Belt.—Aħbarijet tal pajjis, spiega tal Evangelju ta għada, Calendariu tal gimgħa, u fattijet.

Uard u Zahar—Joħrog̊ fil ħmistax ta cull xahar. Min irid jissieħeb imur fi'offiziu tad-Direttur u Amministratur Dr. Cristoforo Frendo Strada Forni 192, 193 il Belt—ħlas ħmistax il sold fis-sena.

---

Naħsbu li ix-xahar id-dieħel toħrog̊ il:

Hajja ta S. Francisc Saveriu, Protettur tal Opra tal Propagazioni tal Fidi, mictub mill Cappillan ta Ħal-Balzan, Dun A. Sisner.

---

Il Kari mill Annali ta Frar li gej, N. 9, dina is-sena sejjer icun xi ħag̊a barra missoltu; lid-direttur tal " *Kari mill Annali* ", geuħ già li stampi.

---

Il cotba " *L'Opra tal Propagazioni tal Fidi, x'inhù u x'tagħmel* " bdeu jingħatau b'xejn, biex actar tixxerred l'imħabba għall dina l'Opra, u billi il flus li intefku, mill cotba li s'issa im-

biegħu, daħlu fil-caxxa tal Opra, kisuh rigal lill minn ma jistax jonfok, biex cullħadd igaudi.

---

POESII TA CARM. CAMILLERI

Il Poesii li jinsabu fil ctieb 2 u 3 tal *Mogħdija taz-zmien* sejrin joħorġu stampati fi ctieb għaliħom, li icun jimbiħ zeuġ soldi. Jimbigħu fli Stamperia tal "Malta" u għand G. Muscat *(kuddiem il Posta il Kadima)*.

---

Il cotba N. 4 u 5 tal *Mogħdija taz-zmien* icunu xogħol ta Dun Xand Cortis. Raccont sabiħ uisk. FIL HABS BLA ĦTIJA, hua l'isem tar-raccont. Il zeuġ cotba joħorġu flimchien flaħħar ġranet ta Marzu.

---

STORIA TAL CNISJA

(illegat)

8 xelini il uieħed

STORIA SACRA

(illegat)

13 il xelin u nofs

mictubin minn ANNIBALE PRECA

Jimbigħu għand Gianni Muscat, il Belt.

---